**YouPEC** | European Youth PErspective Conference on Biodiversity

## Taqsira

150 żagħżugħ u żagħżuha minn 35 pajjiż Ewropew, iltaqgħu f'Geel fil-Belġju għat-tielet *European Youth Perspective Conference* biex jiddiskutu l-biodiversità. Bħala żgħażagħ, aħna kkonċernati dwar il-futur tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri għax se jkunu affettwati ħażin mit-telfa tal-biodiversità kkawżata mill-bniedem. Kull individwu jrid jagħti sehemhu biex ipatti għat-telf tal-biodiversità. Madankollu, il-kawżi ewlenin għat-telf tal-biodiversità ma jistgħux jissolvew biss fuq livell personali. Għandna bżonnkom, intom li tieħdu d-deċiżjonijiet illum, tieħdu azzjoni issa dwar il-kriżi tal-biodiversità.

Il-biodiversità hija mportanti ħafna għal kulħadd, biex ikun hemm ikel, ilma nadif u biex il-bniedem iħossu tajjeb. Il-valur ta' dan ma jistax ikun sottovalutat. L-ispeċi qed jintilfu b'rata mgħaġġla elf darba aktar minn qabel. Hemm bżonn li l-valur uniku tal-biodiversità jitħares għall-ġenerazzjonijiet futuri. Għalhekk m'hemmx prezz għall-biodiversità, għall-kulħadd.

Fl-2001, l-UE immirat li twaqqaf it-telf tal-biodiversità sa l-2010, mira li ma ntlaħqitx. Nagħrfu l-progress ta' l-UE fil-politika dwar il-biodiversità, imma s'issa, din il-politika ma kelliex suċċess minħabba implimentazzjoni fqira tal-leġiżlazzjoni, nuqqas ta' fondi, kuxjenza, rieda politika u għarfien. B'ħarsa lejn il-miri ta' l-UE proposti għall-2020, u l-viżjoni għall-2050, aħna, bħala rappreżentanti taż-żagħżagħ Ewropej, inħeġġu lil dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jikkunsidraw u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin biex titwaqqaf it-telfa tal-biodiversità:

- titjib fl-għarfien u l-kuxjenza dwar il-biodiversità permezz ta' l-edukazzjoni u l-laqgħa tan-nies man-natura.
- Il-ħolqien tan-network Natura 2000 huwa tassew suċċess pożittiv ta' l-UE, imma hemm bżonn niżguraw li d-direttivi *Habitats and Birds* ikunu implimentati tajjeb mill-pajjiżi msieħba.
- Titjib fil-moniteraġġ u riċerka dwar l-istat u t-tendenzi tal-biodiversità fl-Ewropa.
- Twaqqif ta' telfien ta' abitati u estensjoni taż-żoni naturali eżistenti permezz ta' bini ta' infrastruttura li tirrispetta l-ambjent.
- Inħeġġu 'l UE biex tkompli tirriforma l-CAP, u tersaq lejn tnaqqis qawwi tal-produzzjoni żejda, u żżid il-protezzjoni tal-biodiversità permezz ta' użu sostenibbli ta' l-art agrikola.
- Għandu jiġi ntrodott qies bażi ta' miżuri għas-sostenibbiltà li permezz tiegħu il-bdiewa jkollhom iżommu livelli meħtieġa biex ikunu eliġibbli għall-fondi, 'flus pubbliċi għall-ġid pubbliku'.
- Fondi għall-protezzjoni tal-biodiversità huma kruċjali u hemm bżonn li jiżdiedu għal livelli adekwati immedjatament. Sussidji li jagħmlu l-ħsara hemm bżonn li jitwaqqfu malajr kemm jista' jkun.
- Għandha tingħata priorità biex il-biodiversità tkun integrata fil-politika dwar l-agrikoltura, foresti, użu ta' l-art, u l-addattament u mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima.
- Is-settur privat, negozji u l-partijiet interessati l-oħra għandhom bżonn jiżviluppaw ekonomija innovattiva li tirrispetta l-ambjent, tistimola l-prosperità u tnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ekosistemi.
- L-UE u l-presidenza Belġjana għandhom juru tmexxija fis- CBD COP10 fin-Nagoya u jiffukaw li jkun hemm miri dinjija b'saħħithom għall-2020 u viżjoni ambizzjuża għall-2050 kif ukoll jaddottaw protokol dwar l-aċċess u qsim tal-benefiċċji komprensiv.

L-2010 hija s-Sena Internazzjonali għall-Biodiversità u lkoll għandna naħtfu din l-opportunità biex nagħmlu din is-sena punt ta' bidla fil-politika tal-biodiversità. Issa hu ż-żmien li jsir xi ħaġa. Intom il-mexxejja tal-lum – żguraw li jkun għad hemm raġuni għalfejn tkunu l-mexxejja t'għada.